

Brussell, 6 ta' Diċembru 2018  
(OR. en)

15263/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0064(COD)**

---

---

**SOC 766  
EMPL 572  
MI 952  
CODEC 2250  
IA 411**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7203/18 - COM(2018) 131 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol - Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża dikjarazzjoni mill-Bulgarija li għandha tiġi inkluża fil-minuti tal-Kunsill EPSCO.

**Laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur,**

**Brussell, 6 ta' Diċembru**

**Punt għal fuq l-aġenda: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)**

*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA**

Il-Bulgarija tappoġġa l-istabbiliment ta' Awtorità/Aġenzija Ewropea tax-Xogħol u l-opportunità li permezz tal-attivitajiet tagħha jkun faċilitat l-aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' mobbiltà transkonfini fl-impjieg għall-ħaddiema, għal min iħaddem u għall-istituzzjonijiet nazzjonali; tappoġġa wkoll il-promozzjoni tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar transkonfini tal-liġi tal-Unjoni. Aħna nemmnu li l-istabbiliment ta' Awtorità/Aġenzija Ewropea tax-Xogħol ser jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri biex isolvu tilwim transkonfini bejniethom u jgħin biex jinstabu soluzzjonijiet fil-każ ta' tfixkil fis-suq tax-xogħol.

Madankollu, nixtiequ nesprimu t-ħassib tagħna fir-rigward tal-inklużjoni tat-trasport bit-triq fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, jiġifieri: l-atti leġislattivi elenkati fl-Artikolu 1, il-Paragrafu 3 (g), (h) u (i).

Nixtiequ wkoll niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-ispezzjonijiet konġunti fil-qasam tat-trasport bit-triq attwalment huma mwettqa mill-awtoritajiet Bulgari f'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra fil-qafas tas-sħubija tagħna f'organizzazzjonijiet Ewropej oħra, bħall-Euro Contrôle Route (ECR).

Barra minn hekk, nemmu li l-leġislazzjoni dwar it-trasport bit-triq hija speċifika u għaldaqstant attwalment hija separata mil-leġislazzjoni soċjali u dwar l-impjieg.

Ninsabu mħassba wkoll dwar l-inċertezza legali li tinholq b'rabta mad-diskussjonijiet dwar il-Pakkett tal-Mobbiltà I, li għadhom għaddejjin wara li ntlaħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija tat-3 ta' Diċembru 2018 u minħabba f'hekk l-inklużjoni tal-atti legiſlattivi ta' hawn fuq ma tistax titqies bħala test bilanċjat fih innifsu.